

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5355 — BASF/Ciba)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 24/07)

1. Fit-22 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li biha l-impriża BASF SE ("BASF", il-Ġermanja) takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll sħiħ tal-impriża Ciba Holding AG ("Ciba", l-Iżvizzera) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-15 ta' Settembru 2008.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal BASF: kimiki, plastiks, prodotti tal-prestazzjoni, prodotti agrikoli u kimiki fini,
  - għal Ciba: kimiki ta' speċjalità.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija rriżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5355 — BASF/Ciba, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.